Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,750, 19 ta' Frar, 1999
Taqsima B

A.L. 43 ta' l-1999

ATT DWAR TFAL U ŻGĦAŻAGĦ (ORDNIJIET GĦALL-ĦARSIEN) (KAP. 285)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 ta' l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), ħawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 49 ta' l-1985.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "indirizzata lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti.", għandhom jidħlu l-kliem "indirizzata lir-Reġistratur tal-Qrati jew lill-persuna li tkun tagħmel ix-xogħol ta' reġistratur kif tista' tiġi assenjata għal dak l-għan skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 369 tal-Kodiċi Kriminali.".